MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Avviz Numru. 115/2008

**Dr Jeffrey Pullicino Orland**
**(ID 634563M)**
**vs**

**Dr Alfred Sant**
**(ID 267948M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fit 3 ta' Marzu 2008 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-kliem tal-konvenut waqt konferenza stampa fil-Mistra, San Pawl il-Bahar fl-1 ta' Marzu 2008, u li gew rapportati fil-medja u partikolarment il-kliem li l-attur huwa involut f'korruzzjoni shiha u li ghaddew il-flus, huma libelluzi u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u ghandhom bhala skop dak li jtellfu u jnaqqqsu r-reputazzjoni tal-konvenut u talab ukoll lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas danni morali kif stabbilit fl-Art 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit-13 ta' Mejju 2008 fejn sahaq illi d-diskors indikat minnu ma kienx libelluz ai termini tal-Ligi. Sahaq illi d-diskors jokkonsistu f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament jew *value judgment* ta' l-intimat u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Kostitutuzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. Fl-ahhar nett, l-intimat sahaq illi kellu kul ldritt, bhala

deputat tal-poplu u kap ta' l-opposizzjoni, li jikkritika lill-awtur dwar l-operat tieghu pubbliku u l-operat tal-Gvern dwr materja ta' kontroversja u interess pubbliku.

Rat ix-xhieda tar-rikorrenti mogthija **Dr. Jeffrey Pullicino Orland** fit 22 ta' Ottubru 2008

Rat l-affidavit ta' l-istess Dr Jeffrey Pullicino Orland ippresentat fl-20 ta' Mejju 2009.

Rat l-affidavit ta' **Clayton Tanti**, camera man ma' Media.Link Communications Limited ippreentat fl-20 ta' Mejju 2009 flimkien ma' DVD tal-konferenza stampa meritu tal-kawza odjerna.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Jeffrey Pullicino Orland moghtija fis 17 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Jeffrey Pullicino Orland moghtija fil 25 ta' Novembru 2009.

Rat id-dokumentazzjoni esebita minn Dr Jeffrey Pullicino Orland ippresentatati fid 9 ta' Gunju 2010.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Jeffrey Pullicino Orland moghtija fl-10 ta' Novembru 2010.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Jeffrey Pullicino Orland moghtija fl-10 ta' Ottubru 2010.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Alfred Sant** moghtija fl-10 ta' Ottubru 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Ivor Robinich** moghtija fil 5 ta' Dicembru 2011 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Philip Azzopardi**, chairman tad-DCC fi hdan il-MEPA li kienet involuti fid-decizjoni relatata ma' l-art tar-rikorrent moghtija fil 21 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Dominic Micallef** moghtija fil 21 ta' Mejju 2012.

Rat illi fit 12 ta' Novembru 2012, rappresentant tal-MEPA, Ivor Robinich, ippresenta diversi files tal-MEPA relatati mal-kaz in ezami.

Rat illi fit 8 ta' Novembru 2013, il-Qorti iddiferit il-kawza Sine Die peress illi la r-rikorrent u lanqas il-konsulent leagli tieghu ma kienu qed jidhru il-Qorti.

Rat illi fl-20 ta' Novembru 2013 il-kawza regghet gie riappuntata ghas-smigh wara talba tar-rikorrent.

Rat illi fis 7 ta' Marzu 2014 il-Qorti ordnat illi l-kawza tibqa differita ghas-sentenza ghalllum.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda kwistjoni illi tqajjmet waqt il-kampanja elettorali ta’ l-Elezzjoni Generali ta’ Marzu 2008 mill-Partit Laburista li kienet tirrigwarda zvilupp ta’ Open Air Disco illi kien qieghed jigi propost li jsir gewwa il-Mistra fuq propjeta’ tar-rikorrent, dak iz-zmien Membru Parliamentari imtella mill-Partit Nazzjonalista u kandidat ghall-elezzjoni generali li kienet ser isir gimgha qara illi saru l-allegazzjonijiet illi dwaru r-rikorenti qieghed jilmenta.

Jirrizulta illi fl-1 ta’ Marzu 2008, fl-eqqel tal-kampanja elettorali, wara illi kienet ilha tinghad ghal gimghat illi l-Kap ta’ l-Opposizzjoni ta’ dak iz-zmien, l-intimat fil-kaz odjern, kellu diversi kwistjonijiet relatati ma’ korruzzjoni illi kienet tolqot il-gvern tal-gurnata, ir-rikorrent, fuq il-gazzetta **Times of Malta** tas-Sibt, l-1 ta’ Marzu 2008, ippubblika artikolu fuq il-pagna ta’ wara tal-gazzetta intitolat ‘***Street-corner gossip***’ fejn ghazel jaghti l-verzjoni tieghu tal fatti qabel ma’ attwalment l-intimat ta' il-verzjoni tieghu permezz ta’ Press Conference, liema verzjoni eventwalment ir-rikrorent attakka bl-azzjoni odjerna.

Fl-artikolu fuq indikat, ir-rikorrent qal, fost affarjiet ohra, is-segwenti fatti relatati mal-kaz in ezami:

> *I own a plot of land near the sea which has been rented out to others for some time now. Three years ago, these others applied for a permit to build an underground lavatory and an open-air dance floor less than two metres high. The only thing close is a well-known restaurant. The application has been pending all this time and no final decision has been made. I don’t even know the applicants. I have never met them. And, yet, my Labour Party sources tell me that Dr Sant imagined that this would be a great scandal; the one that will cripple the government in the penultimate week of the electoral campaign.*

L-intimat, dakinhar stess, ghamel diversi Press Conferences gewwa Ghawdex, fejn kien qieghed jaghmel il-kampanja elettorali, u r-rikorrent kien qieghed jigri wara l-intimat u jkun hemm prezenti sabiex, f’kaz illi l-intimat isemmieh, huwa jkun f’pusizzjoni illi jirribatti. Gara, izda illi, wara li lesta l-impenji tieghu l-intimat, huma nizlu Malta u r-rikorrent, ghal ragunijiet illi jaf hu, ma lahaqx nizel mieghu. Hekk kif nizel Malta, l-intimat waqaf il-Mistra u ghamel Press Conference gewwa il-Mistra, fuq l-isfond tal-propjeta tar-rikorrent, fejn huwa semma diversi fatti dwar l-izvilupp ta’ l-art in kwistjoni, liema fatti huwa allega illi kienu rizultat ta’ sistema korrotta bhalma kien hemm fil-Gvern u stqarr illi l-art in kwistjoni kienet dik tar-rikorrent.

Ir-rikorrent, li dak il-hin ma setax jattendi biex jirribatti, jumejn wara, ghadda biex jintavola il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi, ghalkemm ir-rikorrent esebixxa DVD tal-Press Conference illi kienet saret, ma esebiex traskrizjoni ta’ dik il-parti tal-Press Conference illi fiha huwa hassu aggravat. Madanakollu, fl-affidavit tieghu, huwa jghid is-segwenti:

> *“F’din il-Press Conference, Dr Sant ghamel allegazzjonijiet malafamanti fil-konfront tieghi li jiena nichad kategorikament. Dr Sant uza dawn il-kliem fil-konfront tieghi: “ ... dan huwa skandlu, oxxenita, korruzjoni shiha’, ‘hokkli dahri u nhokklok tieghek’, ‘korruzzjoni l-interess ta’ klikka zghira ta’ nies.”*

Ir-rikorrent zied jghid illi mument minnhom l-intimat gie mistoqsi jekk hasibx illi flus f'dan il-progett ghaddew, u huwa irrisponda li ma kellu ebda dubju.

Illi ghalhekk il-Qorti qiegdha tifhem illi huma dawna l-kliem illi huwa hassu malafamat dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Illi, minn vizjoni tal-Press Conference esebita mir-rikorrent illi saret minn dina l-Qorti fl-evalwar tal-provi waqt li kienet qed tirredigi s-sentenza, il-Qorti fehmet illi l-fatti li semma Dr Sant f'tali konferenza stampa huma l-istess illi xehed dwarhom quddiem dina l-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2011. Dakinhar, quddiem il-Qorti, Dr Sant kien xehed kif gej:

> *Jiena kont gejt infurmat dwar l-iskandlu li kien qieghed jigri fil-bajja tal-Mistra. Peress illi ma ridtx nemmen dak li qed jinghad allura qabbadt lil xi hadd sabiex jaghmel ir-ricerki biex jivverifika. Kont sibtha inkredibbli l-ewwel u qabel ghax kienet tinvolvi l-bajja tal-Mistra u l-bini li kien qed jigi propost ma kien jaqbel xejn mal-bajja u man-natura tal-post innifsu. It-tieni raguni ghaliex ma stajtx nemmina ghaliex kien involut Dr. Pullicino Orlando li mieghi u mhux mieghi biss dak iz-zmien kellu reputazzjoni ta' integrita ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ambjent u mal-politika.*
>
> *Mill-indagni illi saru kien jidher car illi din il-bicca art illi dwarha kien hemm diversi applikazzjonijiet minn zmien ghal zmien qabel issa kien hemm applikazzjoni biex tigi zviluppata diskoteka kbira illi ma kenitx in konformita mal-ambjent fejn kienet qed tigi proposta. L-allegazzjoni kienet ukoll illi id-diskoteka li taghha kien hemm il-persuna li kienet qed taghmel l-applikazzjoni kienet marbuta f'relazzjonijiet kummercjali ma' Dr. Pullicino Orlando.*
>
> *Jirrizulta illi Dr. Pullicino Orlando fix-xhur kienet qieghed jaghmel diversi pressjonijiet fuq kemm ufficjali tal-MEPA kif ukoll fuq ufficjali tal-MTA sabiex jinhareg il-permess. Fl-1998 kien ottjena permess sabiex jirrestawra il-kamra li hemm annessa ma' din l-art sabiex izda bil-kundizzjoni li tintuza biss sabiex tahzen il-makkinarju necessarju ghall-art, l-ghodda. F'Lulju 1998 Dr Pullicino Orlando iddikjara illi huwa part-time farmer u applika ghal permess biex jibni giebja. Fi Frar 1999 il-permess ma harigx. Fl-istess Frar 1999 jerga' jitlob permess ghal giebja u f'Gunju tal-1999 il-MEPA regghet irrifjutat li ssir giebja fuq il-post. F'Ottubru 2005 terza persuna applikat sabiex taghmel diskoteka fuq l-istess art ta' Dr Pullicino Orlando sabiex tkun tista' fuq elfejn metru kwadru li attwalment jista' jiehu madwar erbat elef persuna. F'Mejju 2006 id-direttorat kien informa lill-awtorita illi l-permess ma kellux jinhareg ghax l-area ODZ apparti l-fatt illi hija area ta' natura taht il-progett Natura 2000 tal-EU, apparti mill-fatt illi hemm isir hafna agrikoltura organika u li ukoll fuq is-sit innifsu kien hemm diga zviluppi illegali.*
>
> *Nel frattemp Dr. Pullicino Orlando baqa' jaghmel pressjoni fuq membri tal-MEPA kif ukoll fuq membri tal-MTA. F'Novembru tal-2007 il-MEPA*

*fuq parir tal-MTA harget il-permess li semmejt aktar qabel. Jiena ghandi nghid illi l-parir tal-MTA kien ivvizzjat mill-bidu sal-ahhar. F'Dicembru tas-sena 2007 saret applikazzjoni ulterjuri fejn intalab illi l-area tad-diskoteka tikber minn elfejn metru kwadru ghal erbat elef metru kwadru b'mod illi jesa' mat-tmint elef ruh.*

**Ikkunsidrat**

Quddiem dina l-Qorti, ir-rikorrent ipproduca monologu tax-xhieda tieghu biss u ma tella ebda xhud iehor sabiex jikkorrobora dak li stqarr hu. Minn naha l-ohra, l-intimat ressaq lill-Perit li kien ic-Chairman tad-DCC, il-Perit Philip Azzopardi kif ukoll il-persuna li kera l-art minghand ir-rikorrent, Dominic Micallef. L-intimat, apparti x-xhieda tieghu, ressaq wkoll lill-rappresentanti tal-MEPA sabiex jippresentaw id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-permessi kollha mahruga fuq tali art tar-rikorrent.

Mill-provi prodotti mir-rikorrent stess jirrizulta illi r-rikorrent xtara art fil-kejl ta' 2182 metri kwadri fit 12 ta' Frar 1999. Madanakollu, jirrizulta illi fil 21 ta' Lulju 1998, jigifieri tmien xhur qabel ma inxtrat il-propjeta, ghamel applikazzjoni, fejn indika illi kien sid l-art, sabiex jinbena 'underground resevoir', liema applikazzjoni giet michuda fil 25 ta' Ottubru 1999.

Jirrizulta illi fid-19 ta' Settembru 2005, meta l-propjeta kienet ghadha f'idejn ir-rikorrenti, certa Ian Sultana, li indika ruhu bhala lima kienx sid l-art, applika sabiex l-art gia indikata fl-applikazzjoni ippresentata minn Pullicino Orland izda michuda mill-MEPA tintuza biex tigi zviluppata f' 'open air entertainment area'.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Perit Philip Azzopardi moghtija quddiem dina l-Qorti, illi waqt li kienet qed tigi diskussa l-applikazzjoni fuq imsemmija, huwa, bhala Chairman tad-DCC tal-MEPA illi kienet qed tiddiskuti l-permess relattiv, kellu laqgha mar-rikorrent flimkien ma' membru iehor tal-Board, Anthony Mifsud, fil-presenza tal-Liason Officer tal-MEPA, Lawrence Vassallo u George Micallef, rappresentant tal-Malta Toursim Authority. F'din il-laqgha, kemm il-Perit Azzopardi u Anthony Mifsud kienu kontra il-progett filwaqt illi George Micallef u ir-rikorrent kienu favur illi jsir il-progett. Tul tali tahdidiet, ir-rikorrent fl-ebda mument ma introduca lilu nniffsu bhala sid l-art meritu tal-progett li kien qed ikun propost tant illil-Perit Azzopardi haseb illi ir-rikorrent kien qed jidher ghal xi kostitwent tieghu.

Jirrizulta illi fit 22 ta' Novembru 2007 inharget Outline Development Permit fuq l-applikazzjoni illi kienet giet ppresentata f'Settembru 2005.

Jirrizulta wkoll illi fl-14 ta' Dicembru 2007, meta l-art kienet ghadha f'idejn ir-rikorrent u wara li nhareg l-ewwel permess, dana Ian Sultana reghha intavola applikazzjoni ohra, din id-darba sabiex il-permess ta' Open Air discoteque jinkludi wkoll bicca art ohra, apparti dik tar-rikorrent, illi kien hemm adjacenti mal-propjeta' tar-rikorrenti, liema propjeta jirrizulta fix-xhieda hija propjeta ta' Warwick Trust u li tinkludi bini utilizzat bhala restaurant u bini iehor quddiem il-bahar bil-kejl ta' 2,535 metri kwadri.

Jirrizulta illi fis-17 ta' Jannar 2008 ir-rikorrent, bil-kumpannija tieghu De Rohan Antiques Limited, dahal fi ftehim ta' kera ghall-art tieghu u dik ta' terzi adjacenti, b'kollox ftit aktar minn 4,647 metri kwadri, lill kumpannija DJRL Dance Limited, li ghaliha deher Dominic

Micallef, fejn l-art in kwistjoni kienet qed tinkera minghand l-istess socjeta De Rohan Antiques Limtied ghal periodu ta' hmistax-il sena versu pagament €104,355 fl-ewwel sena, liema somma kellha tizdied sa €149.080 fl-ahhar sena.

Jirrizulta wkoll illi, permezz ta' tali ftehim, il-kerrej, jigifieri is-socjeta DJRL Dance Limited, kienet obbligat ruhha illi taghmel xoghlijiet ta' strutturar fil-fond fil-valur ta' ftit anqas minn €350,000.

Jirrizulta wkoll illi, skond dana il-ftehim:

> *The Premises shall be used solely as an open air entertainment including nightclub, discoteque, bar restaurant and pool facilities and parking which can provide amplified music to its clients up to four o'clock in the morning in accordance with Chapter 441 Trading Licences Act. Any other purpose and use of the premises is strictly prohibited.*

Jirrizulta illi, fl-1 ta' Marzu 2008, fil-Press Conference illi ta' l-intimat u li huwa meritu tal-kawza odjerna, l-intimat elenka l-fatti indikati fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti izda fl-ebda stadju ma' indika illi r-rikorrent kien involut. Madanakollu, hekk kif l-intimat elenka dawna l-fatti kif ukoll semma' l-effett illi tali zvilupp seta kellu fuq l-ambjent u li tali zona hija protetta ambjentalment, ghadda biex esprima t-thassib serju tieghu dwar dawna l-fatti kollha u uza l-kliem "skandlu, oxxenita, korruzjoni shiha". Sussegwentement semma' illi tali art hija tar-rikorrent illi, sa dak iz-zmien, kien qieghed jippromuovi lilu nniffsu bhala palladin ta' l-ambjent u l-harsien taghha tant illi kien anke gie moghti l-premju bhala Politiku Ambjentalist tas-sena, ftit zmien qabel.

**Ikkunsidrat**

Qabel ma' l-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonjiet taghha, huwa siewi illi l-posizzjoni legali tad-difiza mressqa mill-intimat, ossija il-fatt li huwa kien qieghed jaghmel "value judgment", liema "value judgment" kien "fair comment" fuq fatti li kienu sostanzjalment veri jigu kkunsidrati.

L-intimat, fid-difiza tieghu, sahaq illi l-kummenti tieghu kienu parti minn kritika politika illi huwa kien qieghed jaghmel u hu, bhala Kap ta' l-Opposizzjoni, kellu obbligu lejn ic-cittadini li kienu elegguh bhala rappresentant taghhom fil-Parlament li jghaddi l-kummenti, liema kummenti kienu jikkonsistu fi 'fair comment' u ghalhekk kellhom jitqiesu bhala tali.

Din il-Qorti gia kellha l-opportunita' kawza odjera deciza ftit ilu, ossija '**Dr Joseph Mifsud vs Robert Arrigo**' deciza fl 24 ta' Frar 2014, illi tezamina fir-reqqa il-principju tal-"fair comment" u dwar kif dana zviluppa maz-zminijiet kemm fil-gurisprudenza Ingliza u dik tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu, ikun opportun illi jigu indikat certi principji bazilari li taghhom ghandha tiehu konsiderazzjoni kull Qorti hekk kif tkun qed tikkunsidra tali difiza.

Kif intqal fil-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Chauvy and Others vs France** deciza fid 29 ta' Gunju 2004,

> *Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

Dwar il-kritika illi ssir lill politiku, bhalma ma' gara fil-kaz odjern, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Ligens vs Austria** deciza fit 8 ta' Lulju 1986, u abbracjata mill-Qorti Maltin, stabbiliet principji ferm aktar liberali fil-konfront tal-politici mill indivdwu kwalsiasi u di fatti qalet:-

> *..... freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Din il-Qorti tosserva ulterjorment illi, bhalma gia kella l-opportunita' tirrileva fil-kawza '**Jemond Mugliette vs Dr Alfred Sant**' deciza fl-10 ta' Marzu 2013, wasal il-mument illi tali regola titwessa aktar fis-sens illi meta jkun hemm dibattitu politiku ghaddej bejn politici, tali livell ta' kritika ghadha interpretata f'livell aktar wiesgha minn dak ipprovdut hawn fuq, peress illi d-dibattitu politiku huwa l-pern ta' socjeta demokratika u, ghalhekk ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.

Dwar in-natura ta' "value judgment", kontrastata mal-kuncett ta' "statement of fact" u jekk din ghandhiex ikollha applikabbli r-regoli tal-"fair comment" jew le, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Sizma vs Hungary** deciza f'Ottubru 2012, starret is-segwenti:

> *.... in order to assess the justification of the statements in question, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments, in that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgements is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is generally impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10 (see, for example, Lingens v. Austria, 8 July*

> *1986, § 46, Series A no. 103; Oberschlick v. Austria (no. 1), cited above, § 63). The classification of a statement as a fact or a value judgment is a matter which, in the first place, falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts (see Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], no. 49017/99, § 76, ECHR 2004-XI). However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it may be excessive (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001–II)."*

Dwar in-natura ta’ 'fair comment', kif jinghad f’**Gatley on Libel and Slander,** huwa stabbilit illi biex tali difiza tirnexxi :

> *….. the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Dina l-posizzjoni tidher anke riflessia fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl-1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively “fair”; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant’s honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant’s honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

**Ikkunsidrat**

In vista tal-veduti kif enuncjati minn Qrati li fuqhom dawna il-Qrati regolarment jaghmlu referenza u bazi, ikun issa opportun li tghaddi sabiex tevalwa l-fatti kif imressqa quddiem dina l-Qorti mill-partijiet fid-dawl tal-hames elementi imsemmija minn Lord Philips sabiex jigi stabbilit jekk, fil-kaz odjern, dak illi intqal kienx 'fair comment' jew le.

Madanakollu, il-Qorti ghandha tinnota illi ghalkemm ir-rikorrent xehed quddiem dina l-Qorti seba darbiet biex jaghti l-veduti tieghu, hija l-verzjoni illi huwa kien taha l-poplu kollu fl-1 ta’ Marzu 2008 illi ghandha l-aktar valur probatorju fil-kaz odjern, peress illi abbazi ta’ dak li qal f’tali artikolu illi, semmai, ir-rikorrent seta jhossu aggravate u libellat fuq il-kliem li uza l-intimat, u ghalhekk huwa dak li intqal fl-artikolu miktub mir-rikorrent li ser jitqies bhala il-verzjoni tieghu tal-fatti.

(i) "*the words complained of were comment*" - ma hemm ebda dubju illi l-kliem li dwarhom qieghed jilmenta ir-rikorrent kif indikat lill-dina l-Qorti u li intuzaw mill-intimat waqt l-eqqel tal-Kampanja Elettorali tal-Partit Laburista kienu kummenti ta’ l-intimat dwar fatti li kienu sehew u li kienu qed isehhu dak iz-zmien u cirkostanzi li wasslu lill-intimat biex jaghmel il-kumment, kif del resto huwa stess ammetta in-natura ta’ kumment fid-difiza tieghu stess.

(ii) "*the comment was on facts*" - jidher illi l-kumment li fuqu r-rikorrent kien qieghed jilmenta jirrigwarda fatti li attwalment sehhew. Dan qieghed jinghad ghax:

(i) Gie ppruvat illi ir-rikorrent kien sid ta' bicca art ossija ghalqa gewwa il-Mistra li hija f'zona ambjentali protetta taht skema ta’ konservazzjoni specjali mahruga taht progett Ewropew msejjah Natura 2000 u li kienet gia meritu ta' applikazzjoni ghal giebja da' parte tar-rikorrent, liema applikazzjoni kienet giet michuda.

(ii) Gie ippruvat illi, waqt illi l-propjeta kienet ghadha fil-pussess tar-rikorrent, saru zewgt applikazzjonijiet, fis-sena 2005 u fis-sena 2007, minn terzi persuni li ma indikawx li kienu sidien tal-propjeta’ sabiex l-art tar-rikorrent tintuza biex tigi kkonvertita f' 'open air disco'.

(iii)Gie ippruvat illi ir-rikorrent, tul id-diskussjonijiet relattivi ma' l-ewwel applikazzjoni tas-sena 2005 kien involut direttament fl-applikazzjoni, tant illi kellu diversi laqghat, fosthom ukoll ma' membri tal-Board illi kien qieghed jikkunsidra l-applikazzjoni tas-sena 2005, fejn sahansitra gab mieghu rappresentanti tal-Malta Tourism Authority, li kienu anke huma a favur tal-progett ta' Open Air Disco, sabiex jheggu lill-Board u lill-Liason Officer tal-MEPA illi kien qieghed jiggestixxi l-applikazzjoni, biex jikkunsidraw favorevolment l-applikazzjoni ghall-Open Air Disco.

(iv) Gie ippruvat illi l-MEPA, filwaqt illi kienet cahdet l-applikazzjoni biex jigi kostruwit reservoir fl-ghalqa tar-rikorrent, approvat, madanakollu, permess sabiex l-ghalqa tigi kkonvertita f'Open Air Disco.

(v) Gie ippruvat illi r-rikorrent, wara li nhareg il-permess da parte tal-MEPA li ghalih huwa hadem assidwament, kien dahal fi ftehim ta' kiri ta' l-art tieghu, flimkien ma' art ta' terzi adjacenti ghal tieghu, fis-17 ta' Jannar 2008, u dana ghal periodu ta' hmistax il-sena.

(vi)Gie ippruvat illi, a differenza ghal dak illi sahaq ir-rikorrent fuq il-media qabel ma l-intimat ghamel il-Press Conference meritu tal-kawza odjerna, ir-rikorrent kien jaf min kien ghamel l-applikazzjoni ghal 'Open Air Disco', peress illi kien huwa stess illi ltaqa mar-rappresentanti tal-MEPA sabiex il-permess ta' "Open Air Disco’, li skond hu ma kienx jaf min kien talbu, jinhareg.

(vii)Gie ippruvat illi, a differenza ghal dak li sahaq ir-rikorrent fuq il-mezzi tal-media, l-applikazzjoni ghall-izvilupp fuq il-propjeta tieghu kienet inharget u giet approvata mill-MEPA fit 22 ta’ Novembru 2007.

(viii)Gie ippruvat illi, a differenza ghal dak li qal ir-rikorrent, mhux talli ma kienx jaf min kien involut fl-applikazzjoni, talli fis-17 ta' Jannar 2008, jigifieri ftit anqas minn xaghrejn qabel mar-rikorrent ipprova jiddefendi l-posizzjoni tieghu fuq il-mezzi tax-xandir, kien iffirma ftehim ghal kirja ta' l-art tieghu ma’ tali persuna ghal periodu ta' hmistax il-sena, liema art kellha tintuza esklussivament bhala 'Open Air Disco'.

(ix)Gie ippruvat illi l-intimat, bhala Kap ta' l-Opposizzjoni, kellu kull dritt, jekk mhux obbligu, illi jgib tali fatti lkoll ghall-attenzjoni tal-pubbliku u l-elettorat u kellu obbligu, fil-posizzjoni tieghu bhala politiku, illi jissenjala tali kazijiet ta' possibbli abbuzi u korruzzjoni fi hdan l-MEPA, liema Awtorita' kienet attwalment il-mira tal-messagg illi l-intimat kien qieghed jghaddi f'dak il-hin.

(x) Gie ippruvat illi fil-mument illi saru z-zewgt applikazzjonijiet ghall-izvilupp ta’ l-ghalqa f’zona ambjentali sensittiv, ir-rikorrent, li kien jippresta ruhu bhala difensur tal-ambjent u kontra l-izvilupp f’zoni barra l-izvilupp, kien sid l-art illi kienet barra z-zona ta’ l-izvilupp u li fiha kienet qed tigi proposta ‘Open Air Disco’ u ir-rikorrenti mar diversi drabi ghand il-MEPA sabiex jippromuovi tali applikazzjoni u sahansitra ltaqa’ mac-Chairman u membru iehor tad-DCC illi kien qieghed jiddiskuti tali applikazzjoni sabiex jikkonvincihom biex johrogu il-permess, liema permess inhareg anke in vista tal-fatt illi l-MTA kienu qed jaqblu ma’ tali zvilupp ukoll.

(iii)"*the facts commented on constituted a matter of public interest*" - ma hemm assolutament ebda dubju illi l-fatti li dwarhom tkellem l-intimat u dwarhom ilmenta ir-rikorrent kienu ta’ interess pubbliku - li bicca art, li kienet f'zona protetta ghal-ambjent, tigi approvata bhala 'Open Air Disco', meta ftit snin qabel, tali art, illi tikkonsisti f'ghalqa, ma giex lilha approvat permess sabiex tinbena giebja hija, minnha innifisha, gia bizzejjed ta’ interess illi tingieb ghall-interess pubbliku. Il-fatt illi tali art kienet propjeta ta’ Membru tal-Parliament tal-Gvern tal-gurnata u kandidat ghall-Elezzjoni generali illi kienet ser issir ftit jiem wara kienet certament ta’ interess pubbliku u kellha tingieb ghall-attenzjoni tal-pubbliku. Finalment, il-fatt illi tali art kienet ta’ l-istess persuna illi kien ipingi lilu nniffsu bhala l-palladin ta’ l-Ambjent u

tkellem kontra diversi zviluppi illi saru barra iz-zona ta' l-Izvilupp, imbghad, tassikura illi l-fatti li dwarhom saru l-kummenti kienu ta' interess pubbliku peress illi kien certament ta' interess pubbliku illi c-cittadin ikun jaf mhux biss dak li jpingi rugu li huwa persuna izda dak ukoll li attwalment hu fir-realta'.

iv) "*the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate*;" - in vista tal-fatti kif fuq indikati, jidher car illi l-kummenti li ghamel l-intimat ma jistghux ma jitqiesux bhala oggettivament gusti peress illi huwa rizultat ta' konsiderazzjonijiet fattwali u korretti maghmulha mill-intimat u li abbazi taghhom wasal ghall-konkuzjonijet tieghu. Huwa car ukoll illi anke il-qarrejj jew semmiegh komuni seta jasal ghal tali konkluzjonijiet ukoll u, fil-probabilta' kbira l-intimat kien biss qieghed jirrifletti dak li attwalment ic-cittadin komuni kien gia qieghed jghid dwar il-kwistjoni li dwarha tkellem l-intimat. Id-dokumentazzjoni kollha esebita mir-rikorrent stess turi bl-aktar mod car illi l-intimat kellu ragun iqajjem id-dubjui tieghu serji dwar kiff sehhew l-affarjiet.

Kif stqarret il-Qorti Ingliza fil-kawza ***Merivale v Carson*** **(1887) 20 QBD 275, 280-281: "***Mere exaggeration, or even gross exaggeration, would not make the comment unfair. However wrong the opinion expressed may be in point of truth, or however prejudiced the writer, it may still be within the prescribed limit. The question which the jury must consider is this – would any fair man, however prejudiced he may be, however exaggerated or obstinate his views, have said that which this criticism has said of the work which is criticised? If it goes beyond that, then you must find for the plaintiff; if you are not satisfied that it does, then it falls within the allowed limit, and there is no libel at all.*"

(v) "*the comment represented the defendant's honest opinion*." - Fil-kaz odjern, il-Qorti hija konvnita illi l-kumment illi ghamel l-intimat ma' kienx bbazat fuq malizzja da parte tieghu izda kienet l-opinjoni onesta tieghu dwar kif kien qieghed jifhem li graw l-affarjiet, liema opinjoni, huwa kelu kull dritt illi jaghmel, aktar u aktar in vista tal-fatt illi kien Deputat tal-Poplu elett sabiex jirrappresenta c-cittadin u l-interessi tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi, kien id-dover ta' l-intimat, bhala Kap ta' l-Opposizzjoni, illi jsemmi d-disapprovazzjoni tieghu ghal dak li kien qieghed jinghad, liema espressjoni ta' disapprovazzjoni hija parti mid-dibattitu politiku li huwa l-pern ta' socjeta demokratika u li, ghalhekk, ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmulha, il-Qorti thoss illi l-kliem li intuzaw mill-intimat waqt il-konferenza stampa illi saret gewwa il-Mistra fl-1 ta' Marzu 2008, ftit jiem qabel l-Elezzjoni Generali huma 'value judgment' ta' l-intimat fuq kwistjoni serja hafna bhalma kienet il-kaz ta' hrug ta' permess ghal 'Open Air Disco' f'zona ambjentali protetta u pristina, bhalma hija dik tal-Mistra, u dawna

ghandhom jitqiesu bhala 'fair comment', u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala libelluzi fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeiciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u tiddikjara illi l-kliem li ntqalu mill-intimat gewwa Konferenza Stampa illi saret gewwa l-Mistra, San Pawl il-Bahar fl 1 ta' Marzu 2008 jikkonsistu f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament tal-fatti li ghandhom jigu kkunsidrati bhala 'fair comment' fuq materja ta' interess pubbliku, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha

L-attur ghandu jbaghti l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna, inkluz dawk ta' l-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------